# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 534/96/SM**

**Andrew u Anna konjugi Abela**

**vs**

**Gustav Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Lulju tas-sena 1996 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux:**

1. **Ihallashom is-somma ta' seba' mija, seba' u erbghin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (LM747.73,0) minnhu lilhom dovuti bhala prezz ta' appalt, ta' xiri u twahhil ta' makna fil-vettura tieghu Station Wagon Astra nru D3995, kif mieghu patwit u debitament ezegwit mill-atturi;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mej.ju 1996 u dik bonarja tat-23 ta' Mejju, 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Settembru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li qieghed jintalab hlas ghal xoghol effetwat fuq il-vettura, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha kif ser jigi pruvat waqt il-kawza;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat ir-relazzjoni peritali ta' l-abbli espert tekniku nnominat;**

**Ezaminat id-diversi noti pprezentati fl-atti ta' din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur gie nkarigat mill-konvenut biex iwahhal magna fuq il-vettura tal-konvenut;**

**2. Illi l-vettura, il-magna u l-accessorji kienu mixtrija "second-hand" mill-konvenut;**

**3. Illi meta l-vettura giet ipprovata rrizulta li l-magna ma kienitx tigbed bizzejjed u meta pprovha l-istess konvenut din soffriet hsarat ulterjuri, meta ghaddiet minn fuq toqba fit-triq;**

**4. Illi meta l-attur ried jirranga l-vettura tal-konvenut irrifjuta u insista li din tigi rrangata minn terza persuna;**

**5. Illi l-attur la thalla jittermina x-xoghol minnhu mibdi u lanqas thallas tax-xoghol li ghamel fuq l-istess vettura u ghalhekk kellha titihed din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ezaminat fid-dettat ir-relazzjoni peritali pprezentata fl-atti u tikkomplimenta ruha mal-mod dettaljattiv li bih l-espert tekniku ezegwixxa l-inkarigu tieghu;**

**Illi in vista ta' l-istess tikkonferma l-analizi tieghu u konsegwentement anke in vista tas-suespost tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur tax-xoghol li ghamel fuq il-vettura de quo kif ridott mill-istess espert tekniku ghall-ammont ta' sitt mija u hdax-il Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM611.25,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**